Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/1803

27.7.2026

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/1803

tal-24 ta' Lulju 2026

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/530 dwar il-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-setturi tal-laħam tan-nagħaġ u tal-laħam tal-majjal fl-Ungerija u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/1100 dwar il-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-setturi tal-ħalib u tal-laħam tal-majjal fis-Slovakkja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 220(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), tiegħu,

Billi:

(1) Fil-kuntest tat-tifqigħat tal-mard tal-ilsien u d-dwiefer fl-Ungerija u fis-Slovakkja fir-rebbiegħa tal-2025, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/530 ([2]) li jipprevedi l-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-setturi tal-laħam tan-nagħaġ u tal-laħam tal-majjal fl-Ungerija u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1100 ([3]) li jipprevedi l-miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-setturi tal-ħalib u tal-laħam tal-majjal fis-Slovakkja.

(2) Wara l-elezzjonijiet parlamentari li saru fl-Ungerija fit-12 ta' April 2026 u t-tranżizzjoni sussegwenti tal-gvern, l-adozzjoni tal-miżuri leġiżlattivi meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-kriterji ta' eliġibbiltà skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/530 iddewwmet. Fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilita fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, huwa ġġustifikat li l-Ungerija tingħata estensjoni limitata fiż-żmien tad-data ta' eliġibbiltà sat-30 ta' Settembru 2026. Dan se jippermetti t-tlestija tal-passi amministrattivi pendenti mingħajr ma jiġu kompromessi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, filwaqt li jiżgura li l-Ungerija tibqa' responsabbli għall-progress rapidu fl-adozzjoni tal-miżuri leġiżlattivi.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/1100 jistabbilixxi l-31 ta' Ottubru 2026 bħala d-data sa meta trid titħallas in-nefqa mġarrba mis-Slovakkja sabiex tkun eliġibbli għall-finanzjament parzjali mill-Unjoni. Il-ħarsien tad-data ta' eliġibbiltà tal-31 ta' Ottubru ma jistax jiġi kkontrollat peress li n-nefqa li tkun saret bejn s-16 u l-31 ta' Ottubru għandha tingħadd bħala li tkun saret fix-xahar ta' Novembru f'konformità mal-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u għandha tiġi ddikjarata bħala ammont aggregat fid-dikjarazzjoni ta' dak ix-xahar. Sabiex tiġi żgurata l-verifika effettiva tan-nefqa f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2116, huwa xieraq li d-data tal-eliġibbiltà għall-finanzjament parzjali mill-Unjoni tinbidel għat-30 ta' Novembru 2026.

(4) Fl-interess taċ-ċarezza u tal-konsistenza ma' miżuri simili preċedenti, fejn ir-rati fissi indikati jikkorrispondu għall-parti tal-kofinanzjament tal-Unjoni, għat-telf relatat mal-perjodi mtawla tat-trobbija u tat-tismin tal-annimali stabbiliti fl-Artikolu 3(1), il-punt (a), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/530 u fl-Artikolu 3(1), il-punti (b), (c) u (d), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/1100, jenħtieġ li r-rati fissi jiġu aġġustati biex jaqblu mal-parti tal-kofinanzjament tal-Unjoni ta' 60 % tan-nefqa totali.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/530 tal-10 ta' Marzu 2026 dwar miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-setturi tal-laħam tan-nagħaġ u tal-laħam tal-majjal fl-Ungerija (ĠU L, 2026/530, 11.3.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2026/530/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2026/1100 tal-21 ta' Mejju 2026 dwar miżuri eċċezzjonali ta' appoġġ għas-settur tal-ħalib u għas-settur tal-laħam tal-majjal fis-Slovakkja (ĠU L, 2026/1100, 22.5.2026, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2026/1100/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/2116/oj).

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/530

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/530 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) jekk l-Ungerija tkun ħallsitha lill-benefiċjarji sat-30 ta' Settembru 2026; kif ukoll";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ebda nefqa li tħallas l-Ungerija wara t-30 ta' Settembru 2026 ma għandha tkun eliġibbli għall-finanzjament mill-Unjoni, irrispettivament mis-sehem tan-nefqa li tirrappreżenta.";

(2) fl-Artikolu 3(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) għat-telf relatat mal-perjodi mtawla tat-trobbija u tat-tismin tal-ħnieżer minħabba r-restrizzjonijiet fuq il-moviment fiż-żoni regolati, għandha tapplika r-rata fissa ta' EUR 0,708 għal kull ħanżir kuljum sa massimu ta' 28 441 annimal;".

Artikolu 2

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/1100

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2026/1100 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) jekk is-Slovakkja tkun ħallsitha lill-benefiċjarji sat-30 ta' Novembru 2026; kif ukoll";

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-ebda nefqa li tħallas is-Slovakkja li ssir wara t-30 ta' Novembru 2026 ma għandha tkun eliġibbli għall-finanzjament parzjali tal-Unjoni, irrispettivament mis-sehem tan-nefqa li tirrappreżenta.";

(2) fl-Artikolu 3(1), il-punti (b), (c) u (d) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) għat-telf relatat mal-perjodi mtawla tat-trobbija u tat-tismin tal-ħnieżer minħabba r-restrizzjonijiet fuq il-moviment fiż-żoni regolati, rata fissa ta' EUR 0,786 għal kull ħanżir kuljum sa massimu ta' 76 673 annimal;

(c) għat-telf relatat mal-perjodi mtawla tat-trobbija tal-ħnienes minħabba r-restrizzjonijiet fuq il-moviment fiż-żoni regolati, rata fissa ta' EUR 0,48 għal kull ħannus kuljum sa massimu ta' 79 198 annimal;

(d) għat-telf relatat mal-perjodi mtawla tat-trobbija tal-majjali nisa li jirriżulta mir-restrizzjonijiet fuq il-moviment fiż-żoni regolati: EUR 2,016 għal kull majjala kuljum sa massimu ta' 1 025 annimal għall-perjodu ta' bejn il-21 ta' Marzu 2025 u t-30 ta' Marzu 2025 u EUR 2,508 għal kull majjala kuljum sa massimu ta' 1 593 annimal għall-perjodu ta' bejn il-31 ta' Marzu 2025 u l-20 ta' Mejju 2025.".

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2026.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN